MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 134/2005

Kawza fil-lista: 7

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat mill-attrici fid-29 ta' April 2005;

Rat li l-konvenut debitament notifikat skond il-ligi fit-28 ta' Ottubru 2006 ma pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet [fol.38];

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenut fil-5 ta' Gunju, intiz sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat l-affidavit tieghu in propositu prezentat permezz ta' nota fil-5 ta' Gunju 2006 [fol.103];

Rat ir-risposta relattiva tal-kontro-parti

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-rikors tal-5 ta' Gunju 2006 l-attur qed jitlob li din il-Qorti tawtorizzah jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet wara li jispejega n-nuqqas tieghu li jipprezenta tali nota fiz-zmien utili skond il-ligi.

Bazikament it-tezi tieghu hija fis-sens li notifika saret fil-post tax-xoghol tieghu u l-karti ghaddewhomlu wara li kien ghaddha t-terminu. Huwa isostni li l-mara tieghu kienet taf bl-indirizz residenzjali tieghu u ghalhekk immissha nnotifikatu hemm, u attribwixxa lill-attrici "manuvra sabiex l-esponent allura kontumaci ma jsirx jaf bil-prosegwiment tal-kawza."

Illi in tema legali jigi osservat li l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut….. u hija din id-disubbidjenza animata psikologikament b' dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali.

Ghalhekk meta Qorti tigi kkonfrontata b'kontumacja formali, u ma jkollhiex il-konvinzjoni certa u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi ffurmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta' sitwazzjoni fejn il-konvenut ser jigi kkundannat fl-assenza ta' difiza. [Qorti ta' l-Appell fil-kawza Rev.Mikiel Degiovanni vs Doris Cossai [2000][Vol.LXXXIV.II.893].

Fil-kaz in disamina, anke minn ezami superficjali ta' l-atti jirrizulta car li l-konvenut kien konxju tal-kawza odjerna, almenu mill-24 ta' Novembru 2005, tant hu minnu dan li fl-istess risposta huwa indika fl-okkju "Citazzjoni 134/2005RCP mhux appuntanta" [fol.51].

Inoltre, din il-Qorti ssibha diffcli li temmen li l-impjegat li rcieva l-atti ma nformahx bihom. Apparti minnhekk, gjalarba l-konvenut kien jaf li hemm il-kawza odjerna pendenti, huwa kellu d-dmir li jinforma lill-impjegati li jircevu l-korrispondenza tieghu sabiex jinformawh immedjatament malli jircevi atti gudizzjarji; jew almenu jivverifika kwotidjanament jekk kienx hemm xi atti indirizzati lilu. Dan kien id-dmir tal-konvenut fic-cirkostanzi, u n-nuqqas tieghu li jaghmel tali verifiki, jkkostitwixxi fil-minumu tieghu non kuranza ghall-atti gudizzjarji u l-ordnijiet tal-Qorti li talvolta jista' jkun hemm fihom; u fil-massimu tieghu jikkostitwixxi tentattiv da parti tieghu biex ifixkel il-proceduri li bdiet martu kontra tieghu.

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont li l-konvenut jinsab debitament notifikat skond il-ligi, il-Qorti hija tal-fehma li kontumacja tieghu m' hijex gustifikata.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tal-konvenut kontenuta fir-rikors tieghu tal-5 ta' Gunju 2006, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez ta' dan l-incident a kariku ta' l-istess konvenut.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------